

Brussell, 4 ta' Frar 2022
(OR. en)

5967/22

TRANS 63
DELECT 16
TELECOM 40
IND 30
DIGIT 25

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 492 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 2.2.2022 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2022) 492 final.

Mehmuż: C(2022) 492 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.2.2022
C(2022) 492 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 2.2.2022

**li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE
kollha**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/962, li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti (ITS), jistabbilixxi speċifikazzjonijiet biex jiġu żgurati l-aċċessibilità, l-iskambju, l-użu mill-ġdid u l-aġġornament tad-*data* dwar it-toroq u t-traffiku mill-awtoritajiet tat-toroq, mill-operaturi tat-toroq u mill-fornituri tas-servizzi għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali (RTTI) madwar l-UE.

Ir-Regolament ta' Delega jiddikjara li t-tipi ta' *data* elenkati fl-Anness tiegħu, li huma disponibbli f'format diġitali li jinqara minn magna u li huma relatati man-network tat-toroq trans-Ewropew (TEN-T), awtostradi jew oqma ta' prijorità oħrajn definiti mill-Istati Membri, iridu jiġu kondiviżi permezz ta' Punt ta' Aċċess Nazzjonali (NAP) f'kull Stat Membru f'format standardizzat. Ir-Regolament ta' Delega jelenka wkoll il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-*data*, l-użu u l-aġġornament tagħha, kif għandha tiġi vvalutata l-konformità mar-Regolament ta' Delega u x'għandu jiġi rrapportat dwar l-implimentazzjoni tiegħu. Ir-Regolament ta' Delega beda japplika mit-13 ta' Lulju 2017.

Ir-Regolament ta' Delega ma jippreskrivix il-ħolqien ta' *data* li għadha ma teżistix f'format diġitali li jinqara minn magna. Għalhekk, ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Delega japplikaw biss għat-tipi ta' *data* elenkati fl-Anness li diġà jeżistu f'format diġitali li jinqara minn magna.

Bl-istess mod, ir-Regolament ta' Delega ma jirrikjedix li t-tipi ta' *data* elenkati fl-Anness jiġu kondiviżi mingħajr ħlas, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti imposti f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni jew nazzjonali. L-NAPs jipprovdu servizzi ta' skoperta li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jsibu liema *data* hija disponibbli u t-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli tagħhom għall-użu mill-ġdid. Id-*data* elenkata fuq l-NAPs tista' tkun soġġetta għal ftehimiet ta' liċenzjar sabiex jingħata aċċess jew sabiex id-*data* tiġi kondiviża.

Id-dinja tas-sistemi tat-trasport intelliġenti qed tinbidel b'mod rapidu, filwaqt li qegħdin jiġu implimentati applikazzjonijiet ġodda f'mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata u fil-futur qarib huma previsti aktar applikazzjonijiet. Biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku madwar l-UE, huma meħtieġa tipi ta' *data* addizzjonali, pereżempju dwar ir-Regolamenti dwar l-Aċċess għall-Vetturi Urbani (UVARs) jew il-punti ta' rriċċarġjar/riforniment biex jippermettu informazzjoni aktar akkurata u affidabbli dwar l-ivvjaġġar minn bieb sa bieb; sorsi ġodda ta' *data* (pereżempju, *data* ġġenerata fil-vettura) jistgħu jintużaw ukoll biex itejbu l-ġestjoni tat-traffiku u l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni fit-toroq. Barra minn hekk, il-kopertura ġeografika tad-*data* jeħtieġ li tiġi estiża biex tkopri ż-żoni reġjonali u urbani li bħalissa ma humiex fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Delega.

Dawn il-kwistjonijiet tqajmu, fost prijoritajiet oħra, fil-Programm ta' Ħidma aġġornat tad-Direttiva dwar l-ITS, adottat f'Diċembru 2018¹ wara l-approvazzjoni mill-Kumitat Ewropew dwar l-ITS², li jindirizza l-ħidma li għandha titwettaq mill-Kummissjoni. F'konformità mal-oġġettivi tal-Programm ta' Ħidma, u wara investigazzjoni bir-reqqa li kienet tinkludi analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla mal-kostijiet, ġiet irrakkomandata reviżjoni tar-Regolament ta' Delega.

¹ https://ec.europa.eu/transport/sites/default/files/legislation/c20188264_en.pdf

² https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/service-standards-and-principles/transparency_mt

Ir-reviżjoni hija inkluża fl-Istrateġija Komprensiva għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti³, ippubblikata f'Diċembru 2020, bħala azzjoni 36 taħt l-inizjattiva ewlenija 6 (“Nagħmlu l-mobbiltà multimodali konnessa u awtomatizzata realtà”). Dan ir-Regolament ta' Delega jikkontribwixxi biex jgħin lill-UE tiegħu vantaġġ sħiħ mis-soluzzjonijiet diġitali intelliġenti u mis-sistemi tat-trasport intelliġenti. Ir-reviżjoni għandha l-għan ukoll li tiċċara kwalunkwe duplikazzjoni bejn Regolamenti Delegati oħra li jissupplimentaw id-Direttiva dwar l-ITS u li tallinja l-approċċ tagħhom mal-iżviluppi fil-qasam.

Ir-reviżjoni hija parti mix-xenarju li qed jevolvi tal-leġiżlazzjoni dwar id-*data*, li hija appoġġata mill-istrateġija Ewropea għad-*data* fi Frar 2020. Waħda mill-miżuri minn din l-istrateġija, l-Att dwar il-Governanza tad-*Data*, għandha l-għan li tiżgura li d-*data* tintuża mill-ġdid b'mod effettiv biex tipprovdi servizzi affidabbli liċ-ċittadini tal-UE u biex tevita l-monopolji tad-*data*.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Dan l-Att Delegat jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE, f'konformità mal-Artikolu 7, u jikkonstitwixxi l-leġiżlazzjoni separata għal azzjoni ta' prijorità (b) kif definit fl-Artikolu 3. Is-setgħa li tadotta Atti Delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 12 tal-istess Direttiva.

• Is-sussidjarjetà

L-informazzjoni dwar it-traffiku tikkontribwixxi għas-sikurezza fit-toroq, tnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u għalhekk tillimita l-emissjonijiet tal-vetturi għall-benefiċċju tal-utenti tat-toroq u tal-popolazzjoni Ewropea. Dan ir-Regolament Delegat ifittex li jtejjeb l-aċċessibbiltà, l-iskambju, l-użu mill-ġdid u l-aġġornament tad-*data* dwar it-toroq u t-traffiku meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali li jkunu ta' kwalità għolja u kontinwi fl-Unjoni kollha.

Diġà hemm suq tal-UE għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali, u huwa fl-interess tal-utenti, tal-klijenti, tal-awtoritajiet pubbliċi, tal-fornituri ta' dawk is-servizzi u tal-pubbliku ġenerali li jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba biex dan ikompli jiġi żviluppat b'modi innovattivi. L-iżvilupp ulterjuri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku transfruntiera madwar l-UE huwa ffaċilitat minn sett armonizzat ta' rekwiżiti tad-*data*, inklużi speċifikazzjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni, l-aċċessibbiltà, il-kwalità tad-*data* u l-partijiet ikkonċernati meħtieġa biex jipprovdu *data* għall-użu mill-ġdid. Hemm ukoll il-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet armonizzati dwar il-funzjonament ta' dawn is-servizzi biex jiġi żgurat li jipprovdu informazzjoni (simili) madwar l-Ewropa b'mod koerenti.

• Proporzjonalità

Fix-xenarju li qed jevolvi tas-servizzi ta' informazzjoni diġitali, ir-revoka u s-sostituzzjoni tar-Regolament ta' Delega eżistenti huma l-aktar forma sempliċi ta' azzjoni tal-Unjoni li se tkompli tilħaq l-oġġettiv li jiġu pprovduti servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali li jkunu ta' kwalità għolja u kontinwi madwar l-Unjoni. Dan jirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aħħar żviluppi u leġiżlazzjoni biex jakkomodaw innovazzjonijiet futuri. Peress li l-ivvjaġġar effiċjenti minn bieb sa bieb qed jiġi appoġġat dejjem aktar minn servizzi ta' informazzjoni, huwa meħtieġ li dawn is-servizzi

³ COM/2020/789 final.

jkollhom aċċess għal firxa wiesgħa ta' *data* standardizzata u ta' kwalità għolja dwar in-network tat-toroq Ewropew kollu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saru żewġ eżerċizzji ta' sħarriġ mal-partijiet ikkonċernati (f'April 2020 u f'Ġunju 2020), żewġ workshops pubbliċi (fit-8 ta' Mejju 2020 u fit-3 ta' Diċembru 2020) u tliet fażijiet ta' intervisti magħżula mal-partijiet ikkonċernati biex titħejja l-proposta⁴.

F'Jannar 2020 saret l-ewwel fażi ta' intervisti dwar l-ambitu biex jiġi pprovdut kontribut li jista' jintuża biex jiġu rfinati l-mistoqsijiet tar-riċerka. Fl-24 ta' Frar 2020, saret l-ewwel laqgħa ta' esperti mal-Istati Membri biex tiġi pprovduta ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Delega sa dak iż-żmien, il-passi li jmiss previsti fl-implimentazzjoni tiegħu u fl-istudju ta' appoġġ.

L-ewwel sħarriġ immirat mal-partijiet ikkonċernati sar mill-24 ta' Marzu sal-25 ta' April 2020, li kien jinkorpora l-feedback u l-għarfien li kienu nġabru sa dak iż-żmien dwar il-problemi u l-isfidi identifikati fis-settur; dan l-istħarriġ irċieva 153 tweġiba. Fit-8 ta' Mejju sar workshop mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu diskussi u vvalidati r-riżultati mill-ewwel sħarriġ, u t-tieni fażi ta' intervisti mal-partijiet ikkonċernati saret mit-18 ta' Mejju sat-2 ta' Ġunju 2020. Dawn l-intervisti ntużaw biex jiġu vvalidati r-riżultati mill-workshop tal-partijiet ikkonċernati u mill-istħarriġ immirat.

It-tieni sħarriġ immirat beda fl-14 ta' Settembru 2020 u kien miftuħ għal ġimagħtejn, u attira 96 risponent. It-tielet fażi ta' intervisti biex jiġu vvalidati r-riżultati tal-istudju bdiel fl-14 ta' Ottubru 2020 u damet tliet ġimgħat. B'kollox, saru 50 intervista fil-fond mal-partijiet ikkonċernati.

Sabiex jiġu vvalidati l-eżiti tal-analiżi tal-benefiċċji mqabbla mal-kostijiet, intgħażlu u ġew irfinati ħames studji tal-każijiet f'sessjonijiet ta' ħidma ma' rappreżentanti minn tipi differenti ta' NAPs bejn id-9 u l-20 ta' Novembru 2020. Fit-3 ta' Diċembru 2020 ġie organizzat workshop finali tal-partijiet ikkonċernati, biex jiġu ppreżentati l-eżiti tal-istudju ta' appoġġ lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-proċess. Kull workshop tal-partijiet ikkonċernati attira aktar minn 100 parteċipant.

- **L-użu tal-għarfien espert**

L-Istati Membri, flimkien mal-pajjiżi taż-ŻEE u l-Iżvizzera, ġew mistiedna jaħtru esperti biex jattendu sensiela ta' laqgħat mal-Kummissjoni biex jgħinu fl-iżvilupp tar-reviżjoni tar-Regolament ta' Delega. Saru tmax-il laqgħa bejn l-24 ta' Frar 2020 u t-13 ta' April 2021⁵, u r-rappreżentanti mill-Parlament Ewropew ipparteċipaw ukoll f'għadd ta' dawn il-laqgħat. Barra minn hekk, saru għadd ta' laqgħat bilaterali mal-Istati Membri.

- **Studju ta' sostenn**

Studju ta' sostenn, li tlesta fl-2020, eżamina s-servizzi ta' informazzjoni essenzjali dwar it-traffiku u liema tipi ta' *data* addizzjonali jistgħu jkomplu jappoġġaw dawn is-servizzi. L-

⁴ https://ec.europa.eu/transport/themes/its/studies/its_mt

⁵ <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=mt&groupID=1941>

istudju ta' sostenn eżamina l-kostijiet u l-benefiċċji li jirriżultaw mill-inklużjoni ta' dawn it-tipi ta' *data* addizzjonali fir-Regolament Delegat u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku lil hinn min-network tat-TEN-T u awtostradi oħra, possibbilment għat-tipi kollha ta' *data*. L-istudju sab li s-sehem tan-network tat-toroq kopert minn *data* dinamika dwar l-istatus tat-toroq u *data* dwar it-traffiku f'ħin reali huwa limitat madwar l-Unjoni, speċjalment lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku attwali tar-Regolament ta' Delega, anke jekk xi tipi ta' *data* dinamika dwar l-istatus tat-toroq jitqiesu kruċjali wkoll għas-servizzi tal-RTTI (eż. limiti dinamiċi tal-veloċità, għeluq tat-toroq).

Meta wieħed iqis l-investment għoli meħtieġ għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u/jew għat-tnedija ta' sensuri ġodda, l-istudju kkonkluda li t-titjib tal-aċċess għal kwalunkwe wieħed minn dawn it-tipi ta' *data* billi jsiru aċċessibbli permezz ta' NAP, sakemm dawn ikunu diġà disponibbli f'format diġitalizzat, iġib benefiċċji f'termini ta' inqas konġestjoni, inqas ħin tal-ivvjaġġar u inqas emissjonijiet, fuq in-networks tat-toroq kollha koperti. Għalhekk, it-titjib tal-aċċessibbiltà tad-*data* fin-networks kollha tat-toroq kien il-punt tat-tluq għar-reviżjoni tat-test tar-Regolament Delegat.

Ġew ikkunsidrati tliet għażliet ta' politika, minbarra l-linja bażi. Il-linja bażi kkunsidrat l-iżvilupp tas-settur mingħajr ebda intervent leġiżlattiv, iżda qieset is-sitwazzjoni tal-pandemija u l-azzjonijiet l-oħra meħuda biex tittejjeb is-sostenibbiltà tat-trasport fl-għaxar snin li ġejjin. L-għażliet ta' politika kienu:

- (1) L-Għażla ta' Politika 1, li kienet tinkludi tipi ta' *data* addizzjonali (bħall-UVARs) għall-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku attwali tan-network TEN-T, awtostradi u żoni ta' prijorità oħra, biss meta jkunu diġà disponibbli f'format diġitali li jinqara minn magna.
- (2) L-Għażla ta' Politika 2, li kienet tinkludi l-Għażla ta' Politika 1 flimkien ma' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku għal toroq oħra, kemm għat-tipi ta' *data* addizzjonali attwali kif ukoll għal dawk possibbli, meta diġà jkunu disponibbli f'format diġitali li jinqara minn magna.
- (3) L-Għażla ta' Politika 3, li kienet tinkludi l-Għażla ta' Politika 2 u li eżaminat l-obbligu tad-disponibbiltà tad-*data* f'format diġitali li jinqara minn magna, jiġifieri d-*data* tkun trid tinholq jekk ma tkunx disponibbli, fuq l-aktar kamp ta' applikazzjoni ġeografiku xieraq. Ġie rikonoxxut mill-bidu tal-istudju u fid-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati li dan ma jkunx inkluż fir-reviżjoni tar-Regolament ta' Delega, peress li dan imur lil hinn mis-setgħa delegata lill-Kummissjoni fid-Direttiva dwar l-ITS. Din l-Għażla ta' Politika għet inkluża biss għar-riċerka dwar l-effetti tad-disponibbiltà ta' tipi speċifiċi ta' *data* fuq servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u biex jiġu involuti l-istess partijiet ikkonċernati u esperti tal-Istati Membri fil-proċess, u mhix koperta minn hawn 'il quddiem.

L-istudju kkonkluda li *data* addizzjonali relatata mal-UVARs, mal-punti u mal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar u tar-riforniment, ma' *data* storika dwar it-traffiku, ma' regoli speċifiċi oħra tat-toroq u tat-traffiku, u mad-*data* ġġenerata fil-vettura jenħtieġ li tiġi inkluża fir-Regolament Delegat minħabba l-benefiċċji li jiġġeneraw għas-servizzi tal-RTTI attwali (eż. servizzi ta' navigazzjoni, assistenza intelliġenti fil-veloċità) u futuri (eż. mobilità kooperattiva, konnessa u awtomatizzata). Dan ikkonkluda li l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-Regolament ta' Delega jenħtieġ li jiġi estiż biex ikopri n-network kollu tat-toroq, mhux biss għal tipi ta' *data* addizzjonali iżda wkoll għad-*data* kollha attwalment koperta mir-Regolament ta' Delega. Dan jiffaċilita l-ivvjaġġar minn bieb sa bieb u jiżgura li d-*data* tkun aċċessibbli fuq il-partijiet kollha tan-network tat-toroq,

inkluż, pereżempju, dwar il-lok u d-disponibbiltà tal-punti tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil, informazzjoni li hija aktar kritika f'żoni fejn jinsabu ftit faċilitajiet bħal dawn.

Għat-tipi addizzjonali ta' *data*, l-analiżi ssuġġeriet li, kull meta d-*data* storika dwar it-traffiku u d-*data* ġġenerata fil-vettura relatata man-network kollu tat-toroq ikunu diġà disponibbli f'format diġitali li jinqara mill-magna, dawn jenħtiegħ li jkunu magħmula aċċessibbli permezz tal-NAP (Għażla ta' Politika 2).

L-istudju ta' appoġġ saħħaħ l-argumenti favur ir-reviżjoni tar-Regolament ta' Delega, billi żied it-tipi ta' *data* u estenda l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku għan-network kollu tat-toroq. Aġġornamenti oħra għall-ispeċifikazzjonijiet u għar-rekwiżiti tal-istandardizzazzjoni ġew inklużi fit-test rivedut skont il-linji deskritti hawn fuq u fit-taqsimha 5.1.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Filwaqt li tqieset il-firxa tal-bidliet meħtieġa u biex jiġu ssalvagwardjati ċ-ċarezza u l-leġibbiltà tar-Regolament ta' Delega, huwa propost li jitħassar u li jiġi ssostitwit ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/962 eżistenti. Instabet possibbiltà li tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni u/jew li jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn fl-eliminazzjoni tad-duplikazzjonijiet fit-tipi ta' *data* bejn ir-Regolamenti Delegati differenti skont id-Direttiva dwar l-ITS u inkluż ir-rapportar fir-rapporti ta' progress tad-Direttiva dwar l-ITS.

- **Drittijiet fundamentali**

Fl-UE, id-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali huwa ggarantit skont l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ta' Delega jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali, dawn għandhom jitwettqu f'konformità mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR - ir-Regolament (UE) 2016/679) u d-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika (id-Direttiva 2002/58/KE).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hija mistennija l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE li tirriżulta direttament mill-applikazzjoni tar-Regolament Delegat il-ġdid.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni aktar dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

5.1. Tipi ta' *data* addizzjonali, kategoriji ta' *data* organizzati mill-ġdid u mogħtija isem ġdid u sinerġiji mtejbja ma' leġislazzjoni oħra

Il-kategoriji tad-*data* preċedenti (*data* statika, *data* dinamika dwar l-istatus tat-toroq u *data* dwar it-traffiku) ingħataw isem ġdid u t-tipi tad-*data* tagħhom ġew organizzati mill-ġdid biex jiġu allinjati aħjar mal-karatteristiċi tad-*data* u mar-rekwiżiti speċifiċi. Il-kategoriji l-ġodda tad-*data* huma *data* dwar l-infrastruttura, *data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet, *data* dwar l-istat tan-network u *data* dwar l-użu f'ħin reali tan-network. Tipi ta' *data* addizzjonali introdotti fir-Regolament Delegat il-ġdid huma:

- *Data* dwar l-infrastruttura:
 - il-lok fejn jinsabu l-punti u l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar u tar-riforniment;
 - il-lok taż-żoni tas-servizz u taż-żoni ta' mistrieħ;
- *Data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet:

- restrizzjonijiet fuq il-piż/it-tul/il-wisa'/l-għoli;
- toroq f' direzzjoni waħda;
- il-limiti tar-restrizzjonijiet, tal-projbizzjonijiet jew tal-obbligi b'validità żonali, l-istatus tal-aċċess attwali u l-kundizzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni fiż-żoni tat-traffiku regolati;
- *Data* dwar l-użu f'ħin reali tan-network:
 - id-disponibbiltà ta' punti u stazzjonijiet għar-riforniment għal tipi ta' fjuwil alternattivi;
 - il-prezz tal-irriċarġjar/tar-riforniment *ad hoc*.

Sabiex jiġu allinjati aħjar mar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 dwar is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali u d-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi⁶, ċerti tipi ta' *data* tneħħew jew ingħataw isem ġdid. Pereżempju, tneħħiet id-*data* dwar il-parkeġġ; għad-*data* dwar il-pedaġġi, żdiedet referenza għall-mezzi disponibbli bl-imnut u għall-metodi ta' twettiq għall-ħlas tal-pedaġġi (konsistenti mar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926).

Kif enfasizzat fil-premessi 45 u 46 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2021) 559 final), huwa meħtieġ li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni suffiċjenti dwar il-pożizzjoni ġeografika, il-karatteristiċi u s-servizzi offruti fil-punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment ta' fjuwils alternattivi aċċessibbli għall-pubbliku. Dan jinkludi informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' servizzi intelliġenti ta' ċċarġjar u ta' ċċarġjar bidirezzjonali, kif ukoll informazzjoni dwar is-sehem rinnovabbli tal-fjuwils alternattivi li qed jinbiegħu, kif previst mill-Artikolu 20a tal-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar it-tipi ta' *data* u obbligi fuq il-partijiet ikkonċernati rigward id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà għal *data* rilevanti relatata mal-irriċarġjar u tar-riforniment fi ħdan il-qafas tal-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, li jibnu fuq l-eżiti tal-Azzjoni ta' Appoġġ tal-Programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa dwar "Ġbir ta' *data* relatata mal-punti tal-irriċarġjar/tar-riforniment għall-fjuwils alternattivi u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni uniċi relatati mal-atturi tal-elettromobbiltà" ("IDACS").

Dispożizzjonijiet li jappoġġaw l-aċċessibbiltà u l-użu mill-ġdid tat-tipi ta' *data* fl-Anness bħala *data* storika, *data* ta' previżjoni u *data* ġġenerata fil-vettura ġew miżjuda mal-Artikoli rilevanti.

5.2. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u l-prijoritizzazzjoni ta' tipi kruċjali ta' *data*

Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-Regolament Delegat ġie estiż biex ikopri n-network kollu tat-toroq, minbarra t-toroq privati. It-toroq privati li huma parti min-network tat-TEN-T jew li huma ddeżinjati bħala awtostrada jew triq primarja ma humiex parti minn din l-eżenzjoni. Din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku se tapplika mill-1 ta' Jannar 2028 għat-tipi kollha ta' *data* elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Delega.

⁶ Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1–20).

Ġie introdott pass intermedju biex jippermetti lill-Istati Membri jżidu gradwalment l-aċċess għad-*data*, billi jitolbuhom jiddeterminaw network ta' toroq primarji, definiti bħala toroq li jgħaqqdu bliet jew reġjuni ewlenin, jew it-tnejn li huma, li ma humiex ikklassifikati bħala parti min-network komprensiv tat-toroq trans-Ewropew jew bħala awtostrada. It-tipi kollha ta' *data* elenkati fir-Regolament ta' Delega dwar in-network TEN-T, awtostradi oħra u toroq primarji jridu jkunu aċċessibbli permezz tal-NAPs sal-1 ta' Jannar 2025.

Mil-lista tat-tipi ta' *data* fl-Anness tar-Regolament ta' Delega, ċerti tipi ta' *data* ġew immarkati bħala “kruċjali” minħabba n-natura tagħhom: dawn jipprovdu informazzjoni dwar regolamenti, restrizzjonijiet jew sitwazzjonijiet relatati mas-sikurezza li jistgħu jesponu lill-utenti tat-toroq għal toroq imblukkati, multi jew sitwazzjonijiet perikolużi. Sabiex jiġi żgurat li x-xogħol fuq kif dawn it-tipi ta' *data* jsiru aċċessibbli jibda mill-aktar fis possibbli, ir-Regolament Delegat il-ġdid jistabbilixxi l-istess skadenza tal-1 ta' Jannar 2025 għall-aċċessibbiltà (jekk dawn it-tipi ta' *data* jeżistu f'format diġitali li jinqara minn magna) fuq in-network tat-toroq kollu.

5.3. It-titjib tal-użu mill-ġdid tad-*data* fis-servizzi tal-informazzjoni dwar it-traffiku

Sabiex jinkisbu l-benefiċċji tat-titjib tal-aċċessibbiltà tad-*data*, huwa meħtieġ li d-*data* tintuża mill-ġdid fis-servizzi tal-informazzjoni dwar it-traffiku. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar l-użu mill-ġdid ta' tipi speċifiċi ta' *data* ġew imsaħħa fir-Regolament Delegat il-ġdid. Meta Stat Membru jagħmel regolamenti tat-traffiku, pjanijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku jew miżuri temporanji għall-ġestjoni tat-traffiku aċċessibbli permezz ta' NAP, huwa propost li l-fornituri tas-servizzi jkunu obbligati jużaw mill-ġdid din id-*data* fis-servizzi tagħhom lill-utenti tat-toroq, u b'hekk l-informazzjoni pprovduta permezz ta' dawn is-servizzi tkun koerenti mad-*data* li tkun saret aċċessibbli. Dan itejjeb l-inċentivi għall-awtoritajiet pubbliċi biex jiddiġitalizzaw dawn it-tipi ta' *data*, peress li l-aċċessibbiltà tagħhom se żżid il-benefiċċji tas-soċjetà u se ttejjeb ir-riżultati tal-politika. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar ir-rapportar tal-ineżattezzi fid-*data* lill-awtoritajiet pubbliċi ttejjbu u ġew estiżi għad-detenturi kollha tad-*data*, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jtejjbu l-kwalità tad-*data*.

5.4. Flessibbiltà għal aktar żvilupp tal-istandards u tar-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data*

Għadd ta' standards differenti huma msemmija b'mod espliċitu fir-Regolament ta' Delega, u d-DATEX II⁷ qed jintuża fil-kategoriji kollha tad-*data*. Ir-referenzi għal INSPIRE⁸ u TN-ITS⁹ ġew miżjuda fejn rilevanti, kif ukoll ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jikkooperaw fejn l-istandards Ewropej huma neqsin għal tipi speċifiċi ta' *data* jew li jiddeterminaw standards li jistgħu jintużaw bħala alternattiva komuni. L-għan huwa li tiġi armonizzata kwalunkwe ħidma ulterjuri ta' standardizzazzjoni u tiġi evitata l-frammentazzjoni minħabba l-użu ta' standards differenti.

Dan l-istess approċċ ittieħed meta ġew definiti r-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data*, li jeħtieġ li jiġu żviluppati mill-Istati Membri li jikkooperaw u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-ħidma eżistenti dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità u l-ispeċifikazzjonijiet tal-metadata jeħtieġ li tiġi żviluppata u armonizzata kontinwament.

⁷ <https://datex2.eu/>

⁸ <https://inspire.ec.europa.eu/>

⁹ <https://tn-its.eu/>

5.5. It-titjib tal-użu mill-ġdid tad-*data* ġġenerata fil-vettura

Id-*data* ġġenerata fil-vettura hija sors potenzjali ta' *data* għal għadd ta' tipi ta' *data* fir-Regolament ta' Delega. Dan is-sors jista' jintuża, pereżempju, biex jiġu ddeterminati l-veloċitajiet, il-ħinijiet tal-ivvjaġġar, il-kundizzjonijiet ħżiena tat-triq, u l-aċċidenti u l-inċidenti li jseħħu fuq in-network tat-toroq. Sabiex jisfruttaw dan is-sors ta' *data* għal kompiti speċifiċi ta' operat tat-toroq pubbliċi bħall-ġestjoni tat-traffiku u l-ġestjoni tal-assi, skont ir-Regolament Deleгат il-ġdid, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jitolbu lid-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vetturi u lill-fornituri ta' servizzi biex jaqsmu tipi ta' *data* rilevanti b'kundizzjonijiet Ġusti, Raġonevoli u Mhux diskriminatorji (FRND). Jekk tintuża *data* personali, l-ipproċessar tagħha jirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jindikaw bażi ġuridika f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-għan huwa li jitnaqqsu l-ostakoli għall-awtoritajiet pubbliċi biex jaċċessaw id-*data* jew jibbenefikaw minn servizzi bbażati fuq din id-*data*, u li jitħallew jużaw id-*data*/is-servizzi biex itejbu l-informazzjoni għall-utenti tat-toroq, jottimizzaw il-ġestjoni tat-traffiku u jżidu s-sikurezza fit-toroq.

5.6. L-introduzzjoni gradwali tal-implimentazzjoni u tar-rapportar

Sabiex l-Istati Membri u l-industrija jingħataw biżżejjed żmien biex jikkonformaw mar-Regolament Deleгат il-ġdid, ġiet proposta skeda ta' żmien gradwali għall-implimentazzjoni tiegħu. L-Istati Membri jridu jirrapportaw dwar l-identifikazzjoni ta' toroq primarji (jiġifieri triq barra miż-żoni urbani li tgħaqqad bliet jew reġjuni ewlenin, jew it-tnejn li huma, mhux ikklassifikata bħala parti min-network komprensiv trans-Ewropew tat-toroq jew bħala awtostrada) fit-territorju tagħhom sal-1 ta' Jannar 2023, li għalihom jistgħu jużaw mill-ġdid id-definizzjoni stabbilita għad-Direttiva dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza fl-Infrastruttura tat-Toroq¹⁰.

L-informazzjoni sussegwenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Deleгат, filwaqt li hija speċifikata fl-Artikolu 12, se tkun parti mir-rapporti ta' progress previsti fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2010/40/UE. Dan għandu jissimplifika l-obbligi ta' rapportar, peress li dawn ir-rapporti ta' progress ikopru kemm l-implimentazzjoni tad-Direttiva kif ukoll ta' dan ir-Regolament Deleгат.

L-ewwel pass importanti (l-aċċess għal tipi ta' *data* kruċjali fuq in-network kollu tat-toroq, l-aċċess għat-tipi kollha ta' *data* fuq in-network TEN-T, awtostradi oħra u toroq primarji) huwa stabbilit għall-1 ta' Jannar 2025. L-aċċess għat-tipi kollha ta' *data* fuq in-network kollu tat-toroq huwa meħtieġ sal-1 ta' Jannar 2028, iżda dan jirreferi biss għal *data* li diġà kienet disponibbli f'format diġitali li jinqara minn magna u għalhekk tista' tintuża mill-ġdid permezz tan-NAPs.

¹⁰ Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 2.2.2022

li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport¹¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(b) tad-Direttiva 2010/40/UE jistabbilixxi bħala azzjoni ta' prijorità l-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha għall-iżvilupp u l-użu ta' speċifikazzjonijiet u standards.
- (2) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2010/40/UE jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji biex tiżgura l-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-kontinwità għall-varar u l-użu operattiv tas-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti (STI) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha. Il-Kummissjoni tistabbilixxi dawn l-ispeċifikazzjonijiet fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/962, bil-għan li ttejjeb l-aċċessibbiltà, l-iskambju, l-użu mill-ġdid u l-aġġornament tad-*data* meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' kwalità għolja u kontinwi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali madwar l-Unjoni.
- (3) Id-*data* tkompli tipprovdi l-bażi kurrentwali għall-ġenerazzjoni ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali. Peress li l-varar tal-ITS jaċċellera madwar l-Unjoni, dan jeħtieġ appoġġ kontinwu fil-forma ta' aċċess akbar u mingħajr xkiel għal tipi ta' *data* eżistenti u ġodda rilevanti għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali, b'kopertura ġeografika akbar. Għalhekk, huwa meħtieġ aġġornament tar-rekwiżiti dwar il-forniment tad-*data* biex ikompli jiġi żgurat użu mill-ġdid effettiv fis-servizzi tal-informazzjoni lill-utenti finali. Dawn ir-rekwiżiti aġġornati jistgħu potenzjalment jaffettwaw il-katina kollha tad-*data*, mill-akkwist, l-ifformattjar u l-aggregazzjoni tad-*data* sad-distribuzzjoni u l-inklużjoni tagħha fis-servizzi tal-informazzjoni dwar it-traffiku.
- (4) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/40/UE jistipula li l-ispeċifikazzjonijiet adottati f'konformità mal-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jiġu applikati fir-rigward

¹¹ Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tal-ITS, meta dawn ikunu varati mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li jiddeċiedi dwar il-varar ta' dawn l-applikazzjonijiet u s-servizzi fit-territorju tiegħu.

- (5) Dawn l-ispeċifikazzjonijiet jenħtieġ li japplikaw għall-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni tat-traffiku f'ħin reali kollha mingħajr preġudizzju għal speċifikazzjonijiet partikolari adottati f'atti oħra skont id-Direttiva 2010/40/UE, b'mod partikolari r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2013¹² u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013¹³.
- (6) Is-suq għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali diġà jeżisti fl-Unjoni u huwa fl-interess kemm tal-utenti u l-konsumaturi kif ukoll tal-fornituri ta' dawn is-servizzi li jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa ta' qafas għal dan is-suq sabiex jiġi ppreservat u jiġi żviluppat ulterjorment f'modi innovattivi. Fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali, id-Direttiva 2019/1024/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ tistabbilixxi regoli minimi dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha. Fir-rigward tal-użu mill-ġdid ta' *data* miżmuma mill-awtoritajiet tat-toroq u mill-operaturi tat-toroq pubbliċi, ir-regoli stabbiliti b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar l-aġġornamenti tad-*data*, huma applikabbli bla preġudizzju għar-regoli stabbiliti bid-Direttiva 2019/1024/UE. Fir-rigward tal-użu mill-ġdid tad-*data* miżmuma mid-detenturi privati tad-*data*, ir-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament ma jimponux il-kondiviżjoni tad-*data* mingħajr hłas. Id-*data* miżmuma mid-detenturi privati tad-*data* tista' tkun soġġetta għal ftehimiet ta' liċenzja biex jiġi regolat l-użu mill-ġdid tagħhom.
- (7) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ toħloq infrastruttura tad-*data* ġeografika tal-Unjoni Ewropea sabiex tippermetti l-kondiviżjoni tal-informazzjoni ġeografika u aċċess pubbliku għaliha (inklużi t-tema tad-*data* ġeografika “networks tat-trasport”) fl-Unjoni kollha bil-għan li jiġu sostnuti l-politiki ambjentali tal-Unjoni, u l-politiki jew l-attivitajiet li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent. L-ispeċifikazzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2007/2/KE u l-atti ta' implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010¹⁶. L-estensjoni tal-applikazzjoni ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet għat-tipi kollha ta' *data* dwar l-infrastruttura tista' tippromwovi wkoll aktar armonizzazzjoni f'dan il-qasam.

¹² Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva ITS 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni għal postijiet tal-parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 1).

¹³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-*data* u l-proċeduri għall-forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 6).

¹⁴ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56–83).

¹⁵ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplementa d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' data u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11).

- (8) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ jiddefinixxi l-infrastruttura tat-trasport bit-triq li tagħmel parti min-network ewlieni u min-network trans-Ewropew tat-trasport. Esternalitajiet tat-traffiku rikorrenti u diffikultajiet oħra tal-ġestjoni tat-traffiku, bħalma huma l-konġestjoni, it-tniġġis tal-arja jew l-istorbju, ma humiex limitati għan-network trans-Ewropew tat-toroq jew għall-awtostradi. Fil-fatt, sehem sinifikanti tal-konġestjoni tat-traffiku rikorrenti jseħħ f'żoni urbani. Barra minn hekk, is-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali madwar l-UE jenħtieġ li jippermettu l-ivvjaġġar minn bieb sa bieb u jenħtieġ li ma jkunux limitati għan-network komprensiv trans-Ewropew tat-toroq u għal awtostradi oħra. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw dawn l-ispeċifikazzjonijiet għan-network kollu tat-toroq, bl-eċċezzjoni ta' toroq li ma jkunux proprjetà ta' awtorità pubblika tat-toroq jew tat-trasport. It-toroq li jkunu proprjetà ta' awtorità pubblika tat-toroq jew tat-trasport iżda li jkunu assenjati lil entità privata fil-forma ta' konċessjoni ta' ġestjoni jenħtieġ li ma jkunux parti minn din l-eċċezzjoni.
- (9) Tipi speċifiċi ta' *data* meqjusa bħala kruċjali għall-iżvilupp ulterjuri ta' servizzi affidabbli ta' informazzjoni dwar it-traffiku u għat-titjib tas-sikurezza tat-traffiku, bħar-regolamenti tat-traffiku, ir-restrizzjonijiet u l-ġheluq tat-toroq jew tal-korsija, jenħtieġ li jkunu disponibbli mill-awtoritajiet tat-toroq jew mill-operaturi tat-toroq. Minħabba l-importanza tagħhom, daww it-tipi ta' *data* jeħtieġ li jsiru aċċessibbli bħala stadju importanti aktar bikri meta mqabbla ma' tipi oħra ta' *data*.
- (10) Sabiex ikunu jistgħu jsiru l-iżviluppi meħtieġa fil-qasam tal-aċċessibbiltà u l-istandardizzazzjoni tad-*data*, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata implimentazzjoni gradwali. Dan l-istadju jenħtieġ li jipprovdni żieda fattibbli u gradwali fil-kopertura ġeografika u fl-aċċessibbiltà għad-*data*. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu network primarju tat-toroq fit-territorju tagħhom. Sabiex jiddefinixxu dan in-network primarju tat-toroq, l-Istati Membri jistgħu jużaw mill-ġdid id-definizzjoni tan-network kif meħtieġ mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (11) Minħabba d-diversità tas-sorsi tad-*data* li jvarjaw minn sensuri bbażati fuq l-infrastruttura għal vetturi li jaġixxu bħala sensuri, huwa importanti li l-ispeċifikazzjonijiet ikunu allinjati mal-kategoriji ta' *data* rilevanti u mat-tipi ta' *data* rilevanti, li jkunu jkopru diversi sorsi possibbli tad-*data* u t-teknoloġija li jintużaw biex tinħoloq jew tiġi aġġornata d-*data*.
- (12) Meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali, dawn jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-privatezza, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679¹⁸ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u, fejn applikabbli, id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Partijiet mid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' *data* mhux personali.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- (13) Sabiex jiġi żviluppat forniment armonizzat u mingħajr xkiel tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali, l-Istati Membri jenħtieġ li jibbażaw fuq soluzzjonijiet u standards tekniċi eżistenti, provduti mill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni Ewropej u internazzjonali, bħalma hi d-DATEX II (CEN/TS 16157 u l-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara) u l-istandards ISO. Għal tipi ta' *data* li għalihom ma hemmx format standardizzat, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jiġu mħeġġa li jikkooperaw sabiex jintlaħaq ftehim dwar id-definizzjoni tad-*data*, il-format tad-*data* u l-metadata.
- (14) Diġà jeżistu diversi metodi ta' referenza dwar il-lokazzjoni dinamika fl-Unjoni u qed jiġu applikati fl-Istati Membri. L-użu ta' metodi ta' referenza dwar il-lokazzjoni differenti jenħtieġ li jibqgħu permessi. Madankollu, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jiġu mħeġġa biex jikkooperaw bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar il-metodi permessi ta' referenza dwar il-lokazzjoni, jekk hemm bżonn permezz ta' korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej.
- (15) L-aċċessibbiltà u l-aġġornament regolari tad-*data* mill-awtoritajiet tat-toroq u l-operaturi tat-toroq huma essenzjali biex jippermettu l-produzzjoni ta' mapep diġitali aġġornati u akkurati li huma element fundamentali għal applikazzjonijiet tal-ITS affidabbli. Il-produtturi tal-mapep diġitali jenħtieġ li jiġu mħeġġa biex jintegraw l-aġġornamenti tad-*data* rilevanti fis-servizzi tal-mapep u fl-aġġornament tal-mapep eżistenti tagħhom fil-ħin. Sabiex jikkonformaw mal-politiki pubbliċi bħas-sikurezza fit-toroq, il-fornituri tas-servizzi u l-produtturi tal-mapep diġitali jenħtieġ li jikkollaboraw mal-awtoritajiet pubbliċi biex jikkoreġu l-ineżattezzi fid-*data* tagħhom.
- (16) L-aċċessibbiltà ta' *data* akkurata u aġġornata hija essenzjali għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali madwar l-Unjoni. Id-*data* rilevanti tinġabar u tinħażen mill-awtoritajiet tat-toroq, mill-operaturi tat-toroq, mid-detenturi tad-*data* ġġenerata fil-vetturi, mill-partijiet ikkonċernati relatati mal-irriċarġjar u mar-riforniment, mill-operaturi tal-pedaġġi u mill-fornituri tas-servizzi tal-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju u l-użu mill-ġdid faċli ta' din id-*data* għall-forniment ta' tali servizzi, l-awtoritajiet tat-toroq, l-operaturi tat-toroq, id-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vetturi, il-partijiet ikkonċernati relatati mal-irriċarġjar u mar-riforniment, l-operaturi tal-pedaġġi u l-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali jenħtieġ li jagħmlu d-*data*, il-metadata u l-informazzjoni korrispondenti dwar il-kwalità tad-*data* aċċessibbli għal awtoritajiet tat-toroq, operaturi tat-toroq, partijiet ikkonċernati relatati mal-irriċarġjar u mar-riforniment, operaturi tal-pedaġġi, fornituri tas-servizzi tal-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali, produtturi tal-mapep diġitali oħra u joħolqu l-possibbiltà li din tkun tista' tiġi skoperta minnhom permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni. Il-punt ta' aċċess jista' jieħu l-forma ta' repożitorju, reġistru, portal tal-web jew simili skont it-tip ta' *data*. Il-punti ta' aċċess nazzjonali jew komuni jistgħu jindikaw ukoll postijiet oħra fejn tkun tista' tiġi aċċessata d-*data*, mingħajr ma tiġi ospitata d-*data* nnifisha. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru flimkien il-punti ta' aċċess pubbliċi u privati eżistenti f'punt uniku biex jippermettu l-aċċess għat-tipi ta' *data* rilevanti disponibbli li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw il-punti ta' aċċess stabbiliti skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 u jenħtieġ li jkunu liberi li jiddeċiedu li jużaw il-punti ta' aċċess stabbiliti skont atti delegati oħrajn adottati skont id-Direttiva 2010/40/UE bħala l-punti ta' aċċess nazzjonali għad-*data* li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (17) Sabiex l-awtoritajiet tat-toroq, l-operaturi tat-toroq, il-partijiet ikkonċernati relatati mal-irriċarġjar u mar-riforniment, l-operaturi tal-pedaġġi, il-fornituri tas-servizzi u l-produtturi tal-mapep diġitali jkunu jistgħu jiskopru u jużaw b'suċċess u b'mod kosteffiċjenti *d-data* rilevanti, huwa meħtieġ li l-kontenut u l-istruttura ta' din id-*data* jiġu deskritti b'mod ċar permezz tal-metadata.
- (18) Is-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali jeħtieġ li jkunu akkurati sabiex jipprovdu l-aħjar informazzjoni possibbli lill-utenti finali f'termini ta' affidabbiltà u puntwalità. Sabiex jittejjbu l-benefiċċji għall-utenti tat-toroq f'dak li jirrigwarda sikurezza akbar fit-toroq u inqas konġestjoni tat-traffiku, dawn is-servizzi jenħtieġ li jirriflettu wkoll il-prijoritajiet tal-awtoritajiet tat-toroq, kif espressi pereżempju permezz ta' pjanijiet ta' ċirkolazzjoni tat-traffiku aċċessibbli b'mod diġitali.
- (19) Dawn l-ispeċifikazzjonijiet jenħtieġ li ma jobbligaw lill-ebda parti kkonċernata biex tibda tiġbor kwalunkwe *data* li ma hijiex tiġbor diġà jew li tiddiġitalizza kwalunkwe *data* li mhix diġà disponibbli f'format li tinqara minn magna. Ir-rekwiżiti speċifiċi dwar l-aġġornamenti tad-*data* jenħtieġ li japplikaw biss għad-*data* li fil-fatt tinġabar u tkun disponibbli f'format diġitali li jinqara minn magna. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa biex ifittxu modi kosteffettivi li huma adatti għall-ħtiġijiet tagħhom biex jiddiġitalizzaw id-*data* eżistenti dwar l-infrastruttura u d-*data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet.
- (20) Dawn l-ispeċifikazzjonijiet jenħtieġ li ma jobbligawx lill-awtoritajiet tat-toroq jew lill-operaturi tat-toroq biex jiddefinixxu jew jimplementaw il-pjanijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku u miżuri temporanji għall-ġestjoni tat-traffiku. Jenħtieġ li dawn ma jobbligawx lill-fornituri tas-servizz jikkondividu kwalunkwe *data* minn tagħhom ma' fornituri oħrajn tas-servizz. Il-fornituri tas-servizz jenħtieġ li jkunu liberi li jikkonkludu ftehimiet kummerċjali bejniethom għall-użu mill-ġdid tad-*data* rilevanti.
- (21) L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati tal-ITS jenħtieġ li jiġu mħeġġa biex jikkooperaw sabiex jinkiseb qbil dwar definizzjonijiet komuni tal-kwalità tad-*data* bil-għan li jintużaw indikaturi komuni għall-kwalità tad-*data* fil-katina kollha tal-valur tad-*data* dwar it-traffiku, bħalma huma l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-aġġornament tad-*data*, il-metodu tal-akkwiżizzjoni u l-metodu ta' referenza dwar il-lokazzjoni użati, kif ukoll il-verifiki tal-kwalità applikati. Jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll ikomplu jaħdmu biex jistabbilixxu l-metodi tal-kejl tal-kwalità assoċjati u l-monitoraġġ tat-tipi differenti ta' *data*. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġin jaqsmu ma' xulxin l-għarfien, l-esperjenza u l-aħjar prattiki tagħhom f'dan il-qasam fil-proġetti ta' koordinazzjoni li għaddejjin u futuri.
- (22) Huwa rikonoxxut li l-użu tad-*data* u tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali ġġenerati mill-fornituri privati tas-servizzi u d-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vettura jistgħu jirrappreżentaw mod kosteffettiv għall-awtoritajiet tat-toroq u l-operaturi tat-toroq biex itejbu l-ġestjoni tat-traffiku, is-sikurezza fit-toroq kif ukoll il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura. It-termini FRAND komuni jenħtieġ li jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi meta jirċievu dawn id-*data* jew is-servizzi għall-kompiti msemmija hawn fuq, sabiex jitnaqqsu l-ostakli għall-aċċess u tinħoloq trasparenza dwar il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti huma mħeġġa jiddefinixxu t-termini FRAND komuni applikabbli għall-użu mill-ġdid tat-tipi ta' *data* rilevanti għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kompiti pubbliċi.
- (23) Il-fornituri privati tas-servizzi jistgħu jużaw id-*data* miġbura mill-awtoritajiet tat-toroq u mill-operaturi tat-toroq bħala *data* tal-input għas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-

traffiku f'ħin reali tagħhom stess. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal tali użu mill-ġdid ta' din id-*data* jenħtieġ li jitħallew f'idejn il-partijiet ikkonċernati mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/1024¹⁹. Ċerti tipi ta' *data* pprovduti mill-awtoritajiet tat-toroq u mill-operaturi tat-toroq, bħall-pjanijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet tat-traffiku u l-miżuri temporanji għall-ġestjoni tat-traffiku, jenħtieġ li jergġhu jintużaw mill-fornituri privati tas-servizzi sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-utenti tat-toroq għall-informazzjoni rilevanti permezz ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali.

- (24) Sabiex jiġi żgurat li dawn l-ispeċifikazzjonijiet jiġu implimentati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti dwar l-aċċessibbiltà, l-iskambju, l-użu mill-ġdid u l-aġġornament tad-*data* mill-awtoritajiet tat-toroq, mill-operaturi tat-toroq, mill-produtturi tal-mapep diġitali, mill-operaturi tal-pedaġġi, mill-partijiet ikkonċernati relatati mal-irriċarġjar u mar-riforniment, mid-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vettura u mill-fornituri tas-servizzi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu liberi li jibbażaw fuq dikjarazzjonijiet ta' konformità bbażati fuq l-evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet tat-toroq, mill-operaturi tat-toroq, mill-produtturi tal-mapep diġitali, mill-operaturi tal-pedaġġi, mill-partijiet ikkonċernati relatati mal-irriċarġjar u mar-riforniment, mid-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vettura u mill-fornituri tas-servizzi. L-Istati Membri jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jarmonizzaw l-approċċ tagħhom lejn il-valutazzjoni tal-konformità fil-proġetti ta' koordinazzjoni li għaddejjin u futuri, li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (25) Dawn l-ispeċifikazzjonijiet ma jillimitawx il-libertà tal-espressjoni tax-xandara tar-radju sakemm ma jobbligawhomx jieħdu kwalunkwe pożizzjoni speċifika fir-rigward tal-informazzjoni li trid tinxtered, u jħallu biżżejjed spazju għall-Istati Membri biex iqisu t-tradizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni tax-xandara tar-radju.
- (26) Filwaqt li titqies il-firxa tal-bidliet meħtieġa, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 jitħassar.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà, l-iskambju, l-użu mill-ġdid u l-aġġornament tad-*data* mid-detenturi tad-*data* u mill-utenti tad-*data* għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali madwar l-UE, u sabiex jiġi żgurat li dawn is-servizzi jkunu akkurati u disponibbli bejn il-fruntieri għall-utenti finali.
2. Dan ir-Regolament japplika għan-network kollu tat-toroq li huwa aċċessibbli għall-pubbliku għat-traffiku motorizzat. B'eċċezzjoni, dan ma għandux japplika għal toroq privati, sakemm ma jkunux parti min-network komprensiv tat-TEN-T jew ikunu ddeżinjati bħala awtostrada jew bħala triq primarja.

¹⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56–83).

3. Dan ir-Regolament għandu japplika f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/40/UE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/40/UE.

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

- (1) “network tat-toroq trans-Ewropew ewlieni” tfisser l-infrastruttura tat-trasport bit-triq li hija parti min-network ewlieni kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013;
- (2) “network tat-toroq trans-Ewropew komprensiv” tfisser l-infrastruttura tat-trasport bit-triq li hija parti min-network komprensiv kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (3) “awtostrada” tfisser triq li hija deżinjata bħala tali mill-Istat Membru fejn tinsab;
- (4) “l-aċċessibbiltà tad-*data*” tfisser il-possibbiltà li tintalab u tinkiseb id-*data* fi kwalunkwe ħin f'format li jista' jinqara minn magna;
- (5) “*data* statika” tfisser *data* li ma tinbidilx spiss jew fuq bażi regolari;
- (6) “*data* dinamika” tfisser *data* li tinbidel spiss jew fuq bażi regolari;
- (7) “aġġornament tad-*data*” tfisser kwalunkwe modifika ta' *data* eżistenti, inkluż it-tħassir tagħha jew iż-żieda ta' elementi ġodda jew addizzjonali;
- (8) “informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali” tfisser informazzjoni derivata minn kwalunkwe *data* dwar l-infrastruttura, *data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet, *data* dwar l-istat tan-network u *data* dwar l-użu f'ħin reali tan-network, jew il-kombinazzjoni tagħhom;
- (9) “servizz ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali” tfisser servizz tal-ITS li jipprovdi mill-ewwel lill-utenti finali informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali;
- (10) “awtorità tat-toroq” tfisser kwalunkwe awtorità pubblika responsabbli għall-ippjanar, il-kontroll jew il-ġestjoni tat-toroq li jaqgħu taħt il-kompetenza territorjali tagħha;
- (11) “operatur tat-toroq” tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata li hija responsabbli għall-manutenzjoni u għall-ġestjoni tat-toroq u għall-ġestjoni tal-flussi tat-traffiku;
- (12) “fornitur tas-servizzi” tfisser kwalunkwe fornitur pubbliku jew privat tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali, minbarra s-sempliċi trażmissjoni tad-*data* lill-utenti tad-*data*;
- (13) “operatur tal-pedaġġi” tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata li tiegħu r-rwol ta' fornitur tas-servizz ta' pedaġġ jew ta' kollettur tal-pedaġġi kif definit fid-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰;

²⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni, (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45).

- (14) “detentur tad-*data*” tfisser kwalunkwe persuna ġuridika, suġġett tad-*data* jew entità pubblika jew privata li għandha d-dritt li tagħti aċċess għal jew li taqsam it-tipi ta’ *data* elenkati fl-Anness taħt il-kontroll tagħha, f’konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni jew dak nazzjonali;
- (15) “utent tad-*data*” tfisser kwalunkwe awtorità tat-toroq, operatur tat-toroq, operatur tal-pedaġġi, fornitur tas-servizz u produttur tal-mapep diġitali jew kwalunkwe entità oħra li tuża d-*data* biex toħloq informazzjoni dwar it-traffiku f’ħin reali jew, fejn permess mit-termini u l-kundizzjonijiet iddeterminati mid-detentur tad-*data*, bl-użu tad-*data* għal skopijiet oħra relatati mal-mobilità;
- (16) “utent aħħari” tfisser kwalunkwe utent tat-toroq, persuna fiżika jew ġuridika, li jkollha aċċess għas-servizzi ta’ informazzjoni dwar it-traffiku f’ħin reali;
- (17) “punt ta’ aċċess” tfisser interfaċċa diġitali fejn mill-inqas id-*data* elenkata fl-Anness, flimkien mal-metadata korrispondenti, isiru aċċessibbli għall-użu mill-ġdid tal-utenti tad-*data*, jew fejn is-sorsi u l-metadata ta’ din id-*data* jsiru aċċessibbli għall-użu mill-ġdid tal-utenti;
- (18) “metadata” tfisser deskrizzjoni strutturata tal-kontenut tad-*data* li tiffaċilita s-sejbien u l-użu ta’ din id-*data*;
- (19) “servizzi ta’ sejbien” tfisser servizzi li jippermettu t-tiftix tad-*data* mitluba bl-użu tal-kontenut tal-metadata korrispondenti u li juru tali kontenut;
- (20) “miżuri temporanji ta’ ġestjoni tat-traffiku” tfisser miżuri temporanji maħsuba biex isolvu tfixkil tat-traffiku partikolari u pereżempju, mfassla biex jikkontrollaw u jiggwidaw il-flussi tat-traffiku;
- (21) “pjanijiet ta’ ċirkolazzjoni tat-traffiku” tfisser miżuri permanenti ta’ ġestjoni tat-traffiku li jitfasslu mill-kontrolluri tat-traffiku biex jikkontrollaw u jiggwidaw il-flussi tat-traffiku b’rispons għal disturbi tat-traffiku permanenti jew rikorrenti;
- (22) “sinjali tat-traffiku” tfisser kwalunkwe sinjal, apparat, avviż tat-toroq jew marka tat-toroq li tidentifika periklu, tagħti parir lill-persuni dwar il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu kontra tali periklu, tindika l-eżistenza ta’ regolament dwar it-toroq jew timplimenta tali regolament, skont il-Konvenzjoni ta’ Vjenna dwar is-Sinjali tat-Toroq;
- (23) “toroq primarji” tfisser triq barra miż-żoni urbani li tgħaqqad bliet jew reġjuni ewlenin, jew it-tnejn li huma, mhux ikklassifikati bħala parti min-network komprensiv trans-Ewropew tat-toroq jew bħala awtostrada;
- (24) “toroq privati” tfisser triq li ma tkunx proprjetà ta’ awtorità pubblika tat-toroq jew tat-trasport, minbarra toroq li jkunu proprjetà ta’ awtorità pubblika tat-toroq jew tat-trasport iżda li jkunu assenjati lil entità privata fil-forma ta’ konċessjoni ta’ ġestjoni;
- (25) “*data* dwar l-infrastruttura” tfisser *data* li tiddekrivi n-network tat-toroq jew il-faċilitajiet fuq jew tul in-network tat-toroq;
- (26) “*data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet” tfisser *data* li għandha x’taqsam ma’ regolament dwar it-traffiku jew ma’ restrizzjoni applikabbli għal vetturi fuq in-network tat-toroq;
- (27) “*data* dwar l-istat tan-network” tfisser *data* li tiddekrivi sitwazzjonijiet temporanji li jistgħu jipprevjenu jew inaqqsu l-ivvjaġġar jew li tista’ tinforma lill-utent finali f’sitwazzjonijiet perikolużi;

- (28) “*data* dwar l-użu f’ħin reali tan-network” tfisser *data* li tiddekrivi l-użu attwali tan-network tat-toroq u l-għażliet tal-użu fin-network tat-toroq;
- (29) “tipi kruċjali ta’ *data*” tfisser tipi ta’ *data* li jitqiesu kruċjali għall-benefiċċju ta’ affidabbiltà akbar tas-servizzi ta’ informazzjoni dwar it-traffiku f’ħin reali, l-appoġġ ta’ vjaġġar sikur u effiċjenti minn bieb sa bieb u servizzi ta’ mobilità futuri;
- (30) “*data* ġġenerata fil-vettura” tfisser kwalunkwe *data* maħluqa mill-vettura jew minn apparat abbord inkorporat fil-vettura jew f’apparati personali li joffru l-applikazzjonijiet tal-ITS waqt li l-vettura tkun qed tintuża;
- (31) “detentur ta’ *data* ġġenerata fil-vettura” tfisser kwalunkwe entità involuta fil-ġbir, fl-aggregazzjoni jew f’tipi oħra ta’ pproċessar ta’ *data* ġġenerata fil-vettura biex tissodisfa r-rekwiżiti ta’ privatezza;
- (32) “kundizzjonijiet FRAND (ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji)” tfisser termini ta’ liċenzja nneozjati b’rieda tajba, li jippermettu l-aċċess għal servizzi jew *data* bi skambju ma’ premju ġust, bl-istess termini jew termini simili kif iddeterminat ma’ utenti oħra.

Artikolu 3

Punti ta’ Aċċess Nazzjonali

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punt ta’ aċċess nazzjonali. Il-punt ta’ aċċess nazzjonali għandu jikkostitwixxi punt uniku ta’ aċċess għall-utenti tad-*data* għad-data elenkata fl-Anness, inklużi aġġornamenti tad-*data*, ipprovduti mid-detenturi tad-data kif imsemmi fl-Artikoli 4 sa 11 u li jikkonċernaw it-territorju ta’ Stat Membru partikolari.
2. Il-punti ta’ aċċess nazzjonali jew komuni eżistenti li jkunu ġew stabbiliti biex jikkonformaw mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 jew mar-rekwiżiti li jirriżultaw minn atti delegati oħra adottati skont id-Direttiva 2010/40/UE jistgħu jintużaw bħala punti ta’ aċċess nazzjonali għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament jekk jitqiesu xierqa mill-Istati Membri.
3. Il-punti ta’ aċċess nazzjonali għandhom jipprovdu servizzi ta’ sejbien lill-utenti tad-*data*, pereżempju servizzi li jippermettu t-tiftix tad-*data* mitluba bl-użu tal-kontenut tal-metadata korrispondenti u li juru tali kontenut.
4. Id-detenturi tad-*data* pubbliċi u privati għandhom jiżguraw li jipprovdu l-metadata sabiex l-utenti tad-*data* jkunu jistgħu jiskopru u jużaw settijiet tad-*data* permezz ta’ punti ta’ aċċess nazzjonali.
5. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jistabbilixxu punt ta’ aċċess komuni.
6. Kwalunkwe entità li tipprovdi *data* permezz tal-Punt ta’ Aċċess Nazzjonali tista’ tagħmel dan permezz ta’ prokura f’konformità mal-ftehimiet applikabbli, pereżempju permezz ta’ bażi tad-*data* jew aggregatur ta’ partijiet terzi. Dan ma jeħlisx lid-detentur oriġinali tad-*data* mir-responsabbiltajiet fir-rigward tal-kwalità tad-*data* oriġinali li tkun qed tiġi pprovduta.

Artikolu 4

L-aċċessibbiltà, l-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-data dwar l-infrastruttura

1. Bil-għan li jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali li jkunu kompatibbli, interoperabbli u kontinwi madwar l-Unjoni, l-awtoritajiet tat-toroq, l-operaturi tat-toroq, l-operaturi tal-pedaġġi u l-partijiet ikkonċernati tal-irriċarġjar u tar-riforniment għandhom jipprovdu d-*data* dwar l-infrastruttura elenkata fl-Anness li jiġbru f'format standardizzat bħall-ispeċifikazzjoni tad-*data* tal-INSPIRE dwar in-networks tat-trasport, TN-ITS (CEN/TS17268 u l-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara) jew DATEX II (EN 16157, CEN/TS 16157 u l-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara). Kwalunkwe aġġornament għal din id-*data* għandu jitwettaq skont l-Artikolu 8.

Jekk iridu jiġu definiti standards addizzjonali jew alternattivi, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- L-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jiddefinixxu dawn l-istandards addizzjonali jew alternattivi;
 - il-formati diġitali li jinqraw mill-magni għandhom ikunu kompatibbli mal-istandards eżistenti msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu.
2. Id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 u l-metadata korrispondenti li tinkludi informazzjoni dwar il-kwalità tagħha għandha tkun aċċessibbli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid minn kwalunkwe utent tad-*data* fi ħdan l-Unjoni:
 - (a) fuq bażi mhux diskriminatorja;
 - (b) skont ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwarhom f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
 - (c) f'perjodu ta' żmien li jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* biex tinħoloq informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali;
 - (d) permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni msemmi fl-Artikolu 3.
 3. L-utenti tad-*data* li jużaw id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 u d-detenturi tad-*data* għandhom jikkollaboraw sabiex jiżguraw li kwalunkwe ineżattezza relatata mad-*data* tiġi indikata mingħajr dewmien lid-detentur tad-*data* li minnu toriġina d-*data*.

Artikolu 5

L-aċċessibbiltà, l-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-data dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet

1. Bil-għan li jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali li jkunu kompatibbli, interoperabbli u kontinwi madwar l-Unjoni, l-awtoritajiet tat-toroq, l-operaturi tat-toroq u l-operaturi tal-pedaġġi għandhom jipprovdu d-*data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet elenkati fl-Anness li jiġbru fid-DATEX II (EN 16157, CEN/TS 16157 u l-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara) jew fil-format TN-ITS (CEN/TS 17268 u l-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara). Kwalunkwe aġġornament għal din id-*data* għandu jitwettaq skont l-Artikolu 9.

Jekk iridu jiġu definiti standards addizzjonali jew alternattivi, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- L-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jiddefinixxu dawn l-istandards addizzjonali jew alternattivi;
 - il-formati diġitali li jinqraw mill-magni għandhom ikunu kompatibbli mal-istandards eżistenti msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu.
2. *Id-data* msemmija fil-paragrafu 1 u l-metadata korrispondenti li tinkludi informazzjoni dwar il-kwalità tagħha għandha tkun aċċessibbli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid minn kwalunkwe utent tad-*data* fi ħdan l-Unjoni:
 - (a) fuq bażi mhux diskriminatorja;
 - (b) skont ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwarhom f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
 - (c) f'perjodu ta' żmien li jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* biex tinħoloq informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali;
 - (d) permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni msemmi fl-Artikolu 3.
 3. L-utenti tad-*data* li jużaw *id-data* msemmija fil-paragrafu 1 u d-detenturi tad-*data* għandhom jikkollaboraw sabiex jiżguraw li kwalunkwe ineżattezza relatata mad-*data* tiġi indikata mingħajr dewmien lid-detentur tad-*data* li minnu toriġina d-*data*.
 4. Il-fornituri ta' servizzi għandhom jipproċessaw u jinkludu, fis-servizzi rilevanti li jipprovdu, mingħajr kostijiet addizzjonali għall-utent finali, *data* dwar kwalunkwe pjan ta' ċirkolazzjoni tat-traffiku u regolamenti u restrizzjonijiet tat-traffiku żviluppatti mill-awtoritajiet kompetenti u magħmula aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni f'format diġitali li jinqara minn magna.

Artikolu 6

L-aċċessibbiltà, l-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-data dwar l-istat tan-network

1. Bil-għan li jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali li jkunu kompatibbli, interoperabbli u kontinwi madwar l-Unjoni, l-awtoritajiet tat-toroq, l-operaturi tat-toroq, id-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vettura u l-fornituri tas-servizzi għandhom jipprovdu d-*data* dwar l-istat tan-network elenkata fl-Anness li jiġbru fil-format tad-DATEX II (EN 16157, CEN/TS 16157 u l-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara). Kwalunkwe aġġornament għal din id-*data* għandu jitwettaq skont l-Artikolu 10.
 Jekk iridu jiġu definiti standards addizzjonali jew alternattivi, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - L-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jiddefinixxu dawn l-istandards addizzjonali jew alternattivi;
 - il-formati diġitali li jinqraw mill-magni għandhom ikunu kompatibbli mal-istandards eżistenti msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu.
2. *Id-data* msemmija fil-paragrafu 1 u l-metadata korrispondenti li tinkludi informazzjoni dwar il-kwalità tagħha għandha tkun aċċessibbli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid minn kwalunkwe utent tad-*data* fi ħdan l-Unjoni:
 - (a) fuq bażi mhux diskriminatorja meta tiġi pprovduta mill-awtoritajiet tat-toroq u mill-operaturi tat-toroq;

- (b) skont ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwarhom f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
 - (c) f'perjodu ta' żmien li jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* biex tinħoloq informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali;
 - (d) permezz ta' punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni msemmi fl-Artikolu 3;
 - (e) mingħajr ebda obbligu fuq id-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vettura u fornituri privati tas-servizzi biex jagħtu aċċess għal kwalunkwe *data* tagħhom ma' utenti privati tad-*data* jew jaqsmuha magħhom. L-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-*data* tagħhom jistgħu jkunu soġġetti għal termini u kundizzjonijiet determinati mid-detentur privat tad-*data*.
3. L-utenti tad-*data* li jużaw id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 u d-detenturi tad-*data* għandhom jikkollaboraw sabiex jiżguraw li kwalunkwe ineżattezza relatata mad-*data* tiġi indikata mingħajr dewmien lid-detentur tad-*data* li minnu toriġina d-*data*.
 4. Il-fornituri ta' servizzi għandhom jipproċessaw u jinkludu, mingħajr kostijiet addizzjonali għall-utent finali, fis-servizzi rilevanti li jipprovdu, kwalunkwe miżura temporanja ta' ġestjoni tat-traffiku żviluppata mill-awtoritajiet kompetenti u magħmula aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni f'format diġitali li jinqara minn magna.
 5. Sabiex tiġi pprovduta informazzjoni xierqa direttament lill-utenti finali u li jiġu ottimizzati l-manutenzjoni tat-toroq u s-sikurezza fit-toroq, l-awtoritajiet tat-toroq u l-operaturi tat-toroq jistgħu jitolbu lid-detenturi tad-*data* ġġenerata fil-vettura u lill-fornituri tas-servizzi biex jipprovdu t-tipi ta' *data* dwar l-istat tan-network li jiġbru u jaġġornaw skont l-Artikolu 10. Meta, bi tweġiba għal talba minn awtorità tat-toroq jew operatur tat-toroq, id-detentur tad-*data* jagħmel id-*data* aċċessibbli, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet FRAND (Ġusti, Raġonevoli u Mhux Diskriminatorji). Id-*data* għandha tiġi pprovduta fil-format tad-DATEX II (EN 16157, CEN/TS 16157 u fil-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara) jew fi kwalunkwe format diġitali li jinqara minn magna miftiehem mill-Istati Membri, akkumpanjata mill-*metadata* korrispondenti li tinkludi informazzjoni dwar il-kwalità tagħha.
 6. Id-*data* dwar l-istat tan-network li tkun ġiet arkivjata mill-awtoritajiet tat-toroq jew mill-operaturi tat-toroq tista' tintuża għall-finijiet tal-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq u tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq madwar in-network kollu. Sakemm ma jkunx ipprojbit minn ftehimiet ta' liċenzja, din id-*data* għandha ssir aċċessibbli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid, fuq bażi mhux diskriminatorja, permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni msemmi fl-Artikolu 3.
 7. Fil-limiti tal-ftehimiet ta' liċenzja applikabbli, id-*data* ta' previżjoni dwar l-istat tan-network li tkun ġiet ikkomputata mill-awtoritajiet tat-toroq jew mill-operaturi tat-toroq, għandha ssir aċċessibbli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid, fuq bażi mhux diskriminatorja, permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni msemmi fl-Artikolu 3.
 8. L-Istati Membri għandhom jikkollaboraw fuq id-definizzjoni ta' standards komuni għall-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-*data* msemmija fil-paragrafi 6 u 7.

Artikolu 7

L-aċċessibbiltà, l-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-data dwar l-użu f'ħin reali tan-network

1. Sabiex jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali li jkunu kompatibbli, interoperabbli u kontinwi madwar l-Unjoni, l-awtoritajiet tat-toroq, l-operaturi tat-toroq, il-fornituri tas-servizzi, id-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vettura u partijiet ikkonċernati relatati mal-irriċarġjar u mar-riforniment għandhom jipprovdu d-*data* dwar l-użu f'ħin reali tan-network elenkat fl-Anness li jiġbru fil-format tad-DATEX II (EN 16157, CEN/TS 16157 u l-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara). Kwalunkwe aġġornament għal din id-*data* għandu jitwettaq skont l-Artikolu 11.

Jekk iridu jiġu definiti standards addizzjonali jew alternattivi, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

 - L-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jiddefinixxu dawn l-istandards addizzjonali jew alternattivi;
 - il-formati diġitali li jinqraw mill-magni għandhom ikunu kompatibbli mal-istandards eżistenti msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu.
2. Id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 u l-*metadata* korrispondenti li tinkludi informazzjoni dwar il-kwalità tagħha għandha tkun aċċessibbli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid minn kwalunkwe utent tad-*data* fi ħdan l-Unjoni:
 - (a) fuq bażi mhux diskriminatorja meta tiġi pprovduta mill-awtoritajiet tat-toroq u mill-operaturi tat-toroq;
 - (b) skont ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwarhom f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
 - (c) f'perjodu ta' żmien li jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* biex tinħoloq informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali;
 - (d) permezz ta' punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni msemmi fl-Artikolu 3;
 - (e) mingħajr ebda obbligu fuq id-detenturi ta' *data* ġġenerata fil-vettura u fornituri privati tas-servizzi biex jagħtu aċċess għal kwalunkwe *data* tagħhom ma' utenti privati tad-*data* jew jaqsmuha magħhom. L-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-*data* tagħhom jistgħu jkunu soġġetti għal termini u kundizzjonijiet determinati mid-detentur privat tad-*data*.
3. Sabiex tiġi pprovduta informazzjoni xierqa direttament lill-utenti finali u biex jiġu ottimizzati l-ġestjoni tat-traffiku u s-sikurezza fit-toroq, l-awtoritajiet tat-toroq u l-operaturi tat-toroq jistgħu jitolbu lid-detenturi tad-*data* ġġenerata fil-vettura u lill-fornituri tas-servizzi biex jipprovdu t-tipi ta' *data* dwar l-użu f'ħin reali tan-network li jiġbru u jaġġornaw skont l-Artikolu 11. Meta, bi tweġiba għal talba minn awtorità tat-toroq jew operatur tat-toroq, id-detentur tad-*data* jagħmel id-*data* aċċessibbli, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet FRAND (Ġusti, Raġonevoli u Mhux Diskriminatorji). Id-*data* għandha tiġi pprovduta fil-format tad-DATEX II (EN 16157, CEN/TS 16157 u fil-verżjonijiet aġġornati li jiġu wara) jew fi kwalunkwe format diġitali li jinqara minn magna miftiehem mill-Istati Membri, akkumpanjata mill-*metadata* korrispondenti li tinkludi informazzjoni dwar il-kwalità tagħha.
4. Id-*data* dwar l-użu f'ħin reali tan-network li jkun ġie arkivjat mill-awtoritajiet tat-toroq jew mill-operaturi tat-toroq tista' tintuża għall-finijiet tal-ġestjoni tas-sikurezza

fl-infrastruttura tat-toroq u tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq madwar in-network kollu. Sakemm ma jkunx ipprobit minn ftehimiet ta' liċenzja, din id-*data* għandha ssir aċċessibbli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid, fuq bażi mhux diskriminatorja, permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni msemmi fl-Artikolu 3.

5. Fil-limiti tal-ftehimiet ta' liċenzja applikabbli, id-*data* ta' previżjoni dwar l-użu f'ħin reali tan-network li tkun ġiet ikkomputata mill-awtoritajiet tat-toroq jew mill-operaturi tat-toroq, għandha ssir aċċessibbli għall-iskambju u għall-użu mill-ġdid fuq bażi mhux diskriminatorja, permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali jew komuni msemmi fl-Artikolu 3.
6. L-Istati Membri għandhom jikkollaboraw fuq id-definizzjoni ta' standards komuni għall-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-*data* msemmija fil-paragrafi 4 u 5.

Artikolu 8

*L-aġġornament tad-*data* dwar l-infrastruttura*

1. L-aġġornamenti tad-*data* dwar l-infrastruttura għandhom jikkonċernaw, mill-inqas, dawn il-parametri li ġejjin:
 - (a) it-tip ta' *data* kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness ikkonċernat mill-aġġornament;
 - (b) il-lok tal-kundizzjoni milquta mill-aġġornament;
 - (c) it-tip ta' aġġornament (modifika, inserzjoni jew tħassir);
 - (d) id-deskrizzjoni tal-aġġornament, li jkun fiha l-valur(i) u l-qasam(oqsma) aġġornati u l-informazzjoni aġġornata, u fejn rilevanti, ir-raġunijiet għas-sostituzzjoni tal-valur(i) u l-qasam(oqsma) skaduti;
 - (e) id-*data* meta d-*data* ġiet aġġornata;
 - (f) id-*data* u l-ħin meta l-bidla f'kundizzjoni partikolari tkun seħħet jew hija ppjanata li sseħħ;
 - (g) il-kwalità tal-aġġornament tad-*data* kif definita fir-rekwiżiti tal-kwalità li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwarhom f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Il-lok tal-kundizzjoni kkonċernata mill-aġġornament għandu jiġi ddeterminat billi jintuża metodu standardizzat jew kwalunkwe metodu ieħor ta' referenzjar dinamiku ta' lokazzjoni aċċettat ġeneralment li jippermetti d-dekordjar u l-interpretazzjoni ta' dak il-lok.

2. Id-detenturi tad-*data* rilevanti għandhom jiżguraw l-aġġornament tad-*data* dwar l-infrastruttura f'perjodu ta' żmien li jkun jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* f'servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u, fejn ikun magħruf u possibbli, jipprovduraw dawk l-aġġornamenti lill-utenti tad-*data* minn qabel.
3. Id-detenturi tad-*data* rilevanti għandhom jikkoreġu fil-ħin kwalunkwe ineżattezza misjuba minnhom fid-*data* tagħhom jew li tkun ingibditilhom l-attenzjoni għaliha minn kwalunkwe utent tad-*data* u utent finali.
4. Meta l-produtturi tal-mapep diġitali u l-fornituri tas-servizzi jippreżentaw informazzjoni lill-utenti finali, huma għandhom jiżguraw li l-aġġornamenti rilevanti tad-*data* dwar l-infrastruttura jiġu pproċessati f'perjodu ta' żmien li jkun jaqbel mal-

użu affidabbli u effettiv tad-*data* fis-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali.

Artikolu 9

L-aġġornament tad-data dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet

1. L-aġġornamenti tad-*data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet għandhom jikkonċernaw mill-inqas dawn il-parametri li ġejjin:
 - (a) it-tip ta' *data* kif stabbilit fil-punti 2 u 3 tal-Anness ikkonċernat mill-aġġornament;
 - (b) il-lok tal-kundizzjoni milquta mill-aġġornament;
 - (c) it-tip ta' aġġornament (modifika, inserzjoni jew tħassir);
 - (d) id-deskrizzjoni tal-aġġornament, inkluż il-perjodu ta' okkorrenza tal-avveniment u l-kundizzjoni(jiet) imposti, pereżempju fuq ċerti tipi ta' vetturi, ikkonċernati mill-aġġornament;
 - (e) id-data meta d-*data* ġiet aġġornata;
 - (f) id-data u l-ħin meta l-bidla f'kundizzjoni partikolari tkun seħħet jew hija ppjanata li sseħħ;
 - (g) il-kwalità tal-aġġornament tad-*data* kif definita fir-rekwiżiti tal-kwalità li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwarhom f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Il-lok tal-kundizzjoni kkonċernat mill-aġġornament għandu jiġi ddeterminat billi jintuża metodu standardizzat jew kwalunkwe metodu ieħor ta' referenzjar dinamiku ta' lokazzjoni aċċettat ġeneralment li jippermetti d-dekordjar u l-interpretazzjoni ta' dan il-lok mingħajr ambigwiżà.

2. Id-detenturi tad-*data* rilevanti għandhom jiżguraw l-aġġornament tad-*data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet f'perjodu ta' żmien li jkun jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* fis-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u, fejn ikun magħruf u possibbli, jipprovdu dawn l-aġġornamenti lill-utenti tad-*data* minn qabel.
3. Id-detenturi tad-*data* rilevanti għandhom jikkoreġu fil-ħin kwalunkwe ineżattezza misjuba minnhom fid-*data* tagħhom jew li tkun ingibditilhom l-attenzjoni għaliha minn kwalunkwe utent tad-*data* u utent finali.
4. Meta l-produtturi tal-mapep diġitali u l-fornituri tas-servizzi jippreżentaw informazzjoni lill-utenti finali, huma għandhom jiżguraw li l-aġġornamenti rilevanti tad-*data* dwar ir-regolamenti u r-restrizzjonijiet jiġu pproċessati f'perjodu ta' żmien li jkun jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* fis-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali.
5. L-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali għandha tiġi mmodifikata b'mod xieraq jew rtirata mill-aktar fis possibbli wara li l-istatus tad-*data* kkonċernata jkun inbidel.

Artikolu 10

L-aġġornament tad-data dwar l-istat tan-network

1. L-aġġornamenti tad-*data* dwar l-istat tan-network għandhom jikkonċernaw mill-inqas dawn il-parametri li ġejjin:
 - (a) it-tip ta' *data* dwar it-traffiku kif stabbilit fil-punti 4 u 5 tal-Anness ikkonċernat mill-aġġornament u, fejn hu xieraq, deskrizzjoni qasira tiegħu;
 - (b) il-lok tal-avveniment jew il-kundizzjoni kkonċernata mill-aġġornament;
 - (c) il-perjodu tal-okkorrenza tal-avveniment jew il-kundizzjoni kkonċernata mill-aġġornament;
 - (d) il-kwalità tal-aġġornament tad-*data* kif definita fir-rekwiżiti tal-kwalità li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwarhom f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Il-lok tal-avveniment jew tal-kundizzjoni kkonċernata mill-aġġornament għandu jiġi ddeterminat billi jintuża metodu standardizzat jew kwalunkwe metodu ieħor ta' referenzjar dinamiku ta' lokazzjoni aċċettat ġeneralment li jippermetti d-dekordjar u l-interpretazzjoni ta' dan il-lok mingħajr ambigwià.

2. Id-detenturi tad-*data* rilevanti għandhom jiżguraw l-aġġornament tad-*data* dwar l-istat tan-network f'perjodu ta' żmien li jkun jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* f'servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u, fejn ikun magħruf u possibbli, jipprovdu dawn l-aġġornamenti minn qabel.
3. Id-detenturi tad-*data* rilevanti għandhom jikkoreġu fil-ħin kwalunkwe ineżattezza misjuba minnhom fid-*data* tagħhom jew li tkun ingibditilhom l-attenzjoni għaliha minn kwalunkwe utent tad-*data* u utent finali.
4. L-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali għandha tiġi mmodifikata b'mod xieraq jew irtirata mill-aktar fis possibbli wara li l-istatus tad-*data* kkonċernata jkun inbidel.
5. Meta l-fornituri tas-servizzi jippreżentaw informazzjoni lill-utenti finali, huma għandhom jiżguraw li l-aġġornamenti rilevanti tad-*data* dwar l-istat tan-network jiġu pproċessati f'perjodu ta' żmien li jkun jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* fis-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali.

Artikolu 11

L-aġġornament tad-data dwar l-użu f'ħin reali tan-network

1. L-aġġornamenti tad-*data* dwar l-użu f'ħin reali tan-network għandhom jinkludu mill-inqas il-parametri li ġejjin:
 - (a) it-tip ta' *data* dwar it-traffiku kif stabbilit fil-punt 6 tal-Anness ikkonċernat mill-aġġornament u, fejn xieraq, deskrizzjoni qasira tiegħu;
 - (b) il-lok tal-avveniment jew il-kundizzjoni kkonċernata mill-aġġornament;
 - (c) il-kwalità tal-aġġornament tad-*data* kif definita fir-rekwiżiti tal-kwalità li l-Istati Membri għandhom jaqblu dwarhom f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Il-lok tal-avveniment jew tal-kundizzjoni kkonċernata mill-aġġornament għandu jiġi ddeterminat billi jintuża metodu standardizzat jew kwalunkwe metodu ieħor ta' referenzjar dinamiku ta' lokazzjoni aċċettat ġeneralment li jippermetti d-dekondjar u l-interpretazzjoni ta' dan il-lok mingħajr ambigwità.

2. L-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali għandha tiġi mmodifikata b'mod xieraq jew irtirata mill-aktar fis possibbli wara li l-istatus tad-*data* kkonċernata jkun inbidel.
3. Meta l-fornituri tas-servizzi jippreżentaw informazzjoni lill-utenti finali, huma għandhom jiżguraw li l-aġġornamenti tad-*data* dwar l-użu f'ħin reali tan-network jiġu pproċessati f'perjodu ta' żmien li jkun jaqbel mal-użu affidabbli u effettiv tad-*data* fis-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali.

Artikolu 12

Valutazzjoni tal-konformità

1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 11 humiex issodisfati mid-detenturi tad-*data* u mill-utenti tad-*data* li għalihom japplikaw dawn l-Artikoli f'konformità mal-paragrafi 2 u 3.
2. Sabiex jipproċedu għall-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jitolbu lil kwalunkwe detentur tad-*data* u utent tad-*data* d-dokumenti li ġejjin:
 - (a) deskrizzjoni tad-*data*, il-mapep diġitali jew is-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali li jipprovdu, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-kwalità tagħhom u l-kundizzjonijiet ta' użu mill-ġdid ta' din id-*data*;
 - (b) dikjarazzjoni bbażata fuq l-evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 11.
3. L-Istati Membri għandhom, b'mod każwali, jeżaminaw il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2.

Artikolu 13

Rapportar

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bil-lista u bil-viżwalizzazzjoni tal-mapep tat-toroq inklużi fin-network primarju tat-toroq.
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li ġejja bħala parti mir-rapporti ta' progress previsti fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2010/40/UE:
 - (a) il-progress li sar f'termini ta' aċċessibilità, skambju u użu mill-ġdid tat-tipi ta' *data* stabbiliti fl-Anness;
 - (b) il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tad-*data* aċċessibbli permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali, il-bidliet fin-network primarju tat-toroq u fil-kontenut tad-*data* tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u l-kwalità tagħhom, inklużi l-kriterji użati għad-definizzjoni ta' din il-kwalità u l-mezzi użati għall-monitoraġġ tagħha;

- (c) ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 12 bir-reqwiziti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 11;
- (d) fejn rilevanti, deskrizzjoni tal-bidliet fil-punt nazzjonali jew il-punt komuni ta' aċċess.

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Għal perjodu tranżizzjonali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2027, l-obbligi relatati mat-tipi ta' *data* skont il-punti 1, 3, 5 u 6 tal-Anness ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' toroq għajr dawn li ġejjin:

- (a) network komprensiv trans-Ewropew tat-toroq;
- (b) awtostradi oħra mhux inklużi f'network tat-toroq trans-Ewropew komprensiv;
- (c) toroq primarji.

Artikolu 15

Tħassir

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/962 jitħassar mill-1 ta' Jannar 2025.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Madankollu, l-Artikolu 13 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2.2.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN